# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA, LL.D

Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru 2021

**Rikors nru: 522/2021 AGV;**

**RF**

*vs*

**JF**

**Il-Qorti rat ir-Rikors** ta' RF, datat 2 ta' Novembru 2021 fejn esponiet bir-rispett u bil-ġurament taghha tikkonferma:

1. Illi l-partijiet iżżewwġu nhar il-hamsa (5) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tnejn (2002) fil-Knisja ta' Santa Katerina fiz-Zurrieq, kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok A**.

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu zewg ulied:

i. SFD illi twieled nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u erbgha (2004) u

ii. VF illi twieldent nhar l-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006)

u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid tal-ulied hawn annessi u mmarkati **Dok B** u **Dok C** rispettivament.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Dorianne Arapa datat l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014); vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala **Dok D**.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment kemm fir-rigward ta' ulied il-partijiet, kif ukoll bejn il-kontendenti fil-konfront ta' manteniment pagabbli lil xulxin.

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet *stante* illi minbarra illi ilhom legalment separati mis-sena elfejn u erbatax (2014), il-partijiet illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
7. Illi l-esponenti titlob umilment sabiex din l-Onor. Qorti joghgboha tawtorizzaha sabiex hija tkun tista' tirriverti ghal kunjomha xebba, u cioe' C.

8. Illi l-esponenti qieghda tannetti affidavit taghha, ma dan ir-rikors, mmarkat **Dok E**.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onor. Qorti jogħġobha:

A. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A *et sequitur* tal-Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta;

B. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjomha xebba '**C**';

C. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seduta tat-Tlieta 30 ta' Novembru 2021 deher l-intimat li ddikjara li mhux qed joggezzjona ghal tali divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjomha xebba '**C**';

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**